MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Kongunt Numru. 334/2011

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv ta’ A B u C D;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Novembru, 2011;

Rat illi l-partijiet xehdu permezz tal-procedura tal-affidavits;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kodici Civili;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-21 ta’ April 2005. Il-Qorti rat illi irrizulta illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Jamie illi illum hija maggorenni u Janick li ghandu minorenni, izda irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rikorrenti A B dejjem ipprovda ghall-manteniment ta’ l-imsemmi minuri u qatt ma kien hemm l-ebda problema f’dan ir-rigward.

Il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta’ manteniment reciproku favur xulxin.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------